**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru : 185/2019 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**AP**

**U**

**DM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' AP u DM, datat 25 ta' April 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewwgu fil-28 ta' Novembru 1997 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.*

2. *Illi fil-19 ta' Jannar 2011 il-kontendenti infirdu minn xulxin billi kull parti marret tghix separatament mill-ohra u ifformalizzaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali li gie pubblikat minn-Nutar Liza Schembri – kopja legali hawn annessa u market bhala Dokument <AB>.*

3. *Illi ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*

4. *Illi ir-rikorrenti ihossu li ghandhom jaqtghu kull rabta minn ma' xulxin u jixtiequ li juzufruwixxu ruhhom minn dak li jipprovdi is-subtitolu IV tat-Titolu 1 tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (kif gie emendat bl-effetti tal-Att XIV tas-sena 2011) u allura li jiddivvorzjaw minn xulxin b'mod li kull legam bejniethom jinqata' darba ghal dejjem.*

5. *Illi ma hemm ebda hlas ta' manteniment dovut minn parti lil ohra, u dan ai termini tal-kondizzjonijiet stipulati fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni fuq riferit – ara kondizzjonijiet numru [2] tal-kuntratti hawn fuq riferut.*

6. *Illi l-partijiet huma it-tnejn residenti hawn Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1) *Tiddikjara u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti ghal ragunijiet fuq moghtija u cioe li ilhom jinsabu separati legalment ghal aktar minn erba' snin u peress li ma hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejniethom u*

2) *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stabbilit minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

*Bl-ispejjez li jigu sopportati egwalment bejn il-kontendenti*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**AP** xehdet illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Novembru 1997 u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fid-19 ta' Jannar 2011 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal u illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda

tama ta' rikonciljazzjoni.

**DM** xehed u kkonferma u kkorobora ix-xhieda ta' AP.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A.** (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*
>
> ***66B.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*
>
> ***(a)** fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*
>
> ***(b)** ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*
>
> ***(ċ)** il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Novembru 1997 (Vide Dok A fol 9 et seqq.) u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Dr. Liza Schembri, datat 19 ta' Jannar, 2011 (vide Dok. AB fol 3 et seqq.) u ghalhekk li ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li gie pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**